MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 648/2009

**GO plc – C22334**

**vs**

**M.B. Sell System Limited – C6820**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Awwissu tas-sena 2009 fejn gie mitlub sabiex is-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet elef mitejn u hdax-il ewro u tlettax-il centezmu (€3,211.13) rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici li jgibu n-numri u l-kontijiet numri ndikati fl-avviz, u dana skont kif jirrizulta minn diversi dokumenti esebiti ma' l-istess avviz u mmarkati Dok "IZY 1" sa Dok "IZY 7" bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni..

Ra illi s-socjeta` konvenuta permezz ta' nota pprezentata llum stess ammettiet it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal fuq ammissjoni ta’ l-istess socjeta` konvenuta qieghed jilqa’ it-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont rikjest ta’ tliet elef mitejn u hdax-il ewro u tlettax-il centezmu (€3,211.13) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------